# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 10/2022 ISB**

**Alexander Falzon (K.I. nru. 179654M) f'ismu proprju u bħala mandatarju speċjali ta' George Falzon (K.I. nru. 781947(M)), John W. Falzon (Passaport Awstraljan nru. N2400664) u ta' Michael Falzon (K.I. nru. 680745(M))**

**Vs**

**Select Properties Limited (C1348); u b'digriet tat-23 ta' Frar 2022 l-Av. Dr. Martin Fenech u l-P.L. Nadine Farrugia nħatru bħala Kuraturi Deputati sabiex jidhru fl-interess ta' u jirrappreżentaw lill-assenti Marisa Lincoln (Passaport tar-Renju Unit nru. 400150263).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' **Alexander Falzon pro et noe,** intavolat fl-1 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna x-xoljiment tal-kumpannija Select Properties Limited (C1348) u*

2. *Konsegwentament torna l-istralc tal-kumpannija Select Properties Limited (C-1348).*

U dan wara li ppremettew:

1. *Ir-rikorrenti Alexander Falzon, George Falzon, John W. Falzon, Michael Falzon u Marisa Lincoln huma lkoll aħwa; ħuhom l-ieħor Martin Falzon ġie nieqes fit-30 ta' April 2015 (vide ċertifikat tal-mewt hawn unti u mmarkat bhala dok. 'A').*

2. *Qabel id-deċess tal-imsemmi Martin Falzon, l-aħwa Falzon kienu lkoll detenturi ta' mitejn (200) sehem fil-kumpannija Select Properties Limited (C1348) (vide dokumentazzjoni registrata mal-Malta Business Registry hawn unta u mmarkat bhala dok. 'B').*

3. *Permezz ta' testment magħmul ir-Renju Unit fit-22 ta' Diċembru 2010, Martin Falzon istitwixxa bħala werrieta universali tiegħu, padruni assoluti ta' ġidu kollu, lil ħutu l-oħra – lir-rikorrenti – f'ishma ndaqs bejniethom (vide testment hawn unti u mmarkat bhala dok. 'C').*

4. *B'hekk, mad-deċess tal-imsemmi Martin Falzon, l-ishma preċedentement miżmuma minnu ddevolvew fuqu il-bqija ta' ħutu, kontendenti f'din il-kawża, fi kwoti ndaqs bejniethom.*

5. *Ir-rikorrenti aċċettaw tali ishma biex b'hekk, illum Alexander Falzon, George Falzon, John W. Falzon, Michael Falzon*

*huma detenturi ta' mitejn u erbgħin (240) sehem fil-kumpannija Select Properties Limited (C1348) (vide involvements hawn unti u mmarkat bħala dok. 'D').*

6. *L-intimata Marisa Lincoln, ma aċċettatx l-istess ishma biex b'hekk hija għadha detentriċi ta' mitejn (200) sehem fil-kumpannija Select Properties Limited (C1348) filwaqt li erbgħin (40) sehem għandhom isejħu lil Martin Falzon. F'dan ix-xenarju, il-kumpannija Select Properties Limited (C1348), ma tistax tiġi xjolta u stralċjata volontarjament – jeħtieġ b'hekk l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti għal dan il-għan.*

7. *Issa 'lli l-kumpannija Select Properties Limited (C1348) ma għadx fadlilha ebda skop stante 'lli ma tinnegojax u l-assi tagħha kollha ġew trasferiti, hija x-xewqa tar-rikorrenti kollha 'lli din tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata. L-intimata Marisa Lincoln qiegħda pero' toġġezzjona (vide minuti u komunikazzjoni hawn unti u mmarkat bħala dok. 'E').*

8. *George Falzon u John W. Falzon huma residenti barra minn Malta; f'din l-istanza huma jinsabu rappreżentati minn ħuhom Alexander Falzon (vide mandati speċjali hawn unti u mmarkat bhala dok. 'F').*

9. *Jeżistu b'hekk raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpannija Select Properties Limited.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 140).

Rat id-**digriet** tagħha tal-25 ta' Frar 2022 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-25 ta' Marzu 2022 fid-09:30am.

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati Dr Martin Fenech u l-P.L. Nadine Farrugia intavolata fit-18 ta' Marzu 2022 (fol 143) li permezz tagħha nfurmaw lill-Qorti li ma kinux edotti mill-fatti u rriżervaw id-dritt li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat il-korrispondenza mibgħuta lil din il-Qorti minn Marisa GA Lincoln datata 16 ta' Ġunju 2022 (fol 149) fejn l-intimata ddikjarat b'mod kategoriku li hija ma topponix għat-talba ta' likwidazzjoni u stralċ tas-soċjetà intimata.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, il-Qorti rriżultalha li s-soċjetà intimata Select Properties Limited kienet notifikata fit-3 ta' Marzu 2022 u ma daħħlet ebda risposta u għalhekk il-Qorti tqis illi s-soċjetà intimata tinsab fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023, xehed l-**Awditur Joseph Azzopardi** li ġie meħlus mis-sigriet professjonali u ppreżenta dokument (Dok JA1, fol 172 sa fol 179). Rat ukoll illi r-rikorrent ppreżenta nota (fol 180) b'affidavit ta' **Alexander Falzon** b'dokumenti annessi (fol 181 sa fol 189) u affidavit ta' **Michael F Falzon** (fol 190). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023 xehed **Alexander Falzon** in kontroeżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, wara li semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Fir-rikors promotur tagħhom ir-rikorrenti jispjegaw li huma flimkien mal-intimata Marisa Lincoln huma lkoll aħwa mentri ħuhom ieħor Martin Falzon ġie nieqes fit-30 ta' April 2015. Jgħidu li qabel miet l-imsemmi Martin Falzon, flimkien kienu lkoll detenturi ta' mitejn (200) sehem kull wieħed fil-kumpanija intimata Select Properties Limited.

Jgħidu li permezz ta' testment magħmul fir-Renju Unit fit-22 ta' Diċembru 2010, l-imsemmi Martin Falzon istitwixxa bħala werrieta universali tiegħu lil ħutu l-oħra f'ishma ndaqs bejniethom. Jispjegaw li r-rikorrenti lkoll

aċċettaw dawn l-ishma u b'hekk illum huma detenturi ta' mitejn u erbgħin (240) sehem fil-kumpanija intimata kull wieħed mentri l-intimata Marisa Lincoln m'aċċettatx l-ishma u għalhekk jeżistu erbgħin (40) sehem li għadhom jsejħu lil Martin Falzon. Isostnu li minħabba f'hekk ma setgħux ixolju u jistralċjaw il-kumpanija volontarjament.

Jispjegaw li la darba l-kumpanija intimata ma għad fadlilha ebda skop stante illi ma tinnegozjax u l-assi tagħha ġew kollha trasferiti hija x-xewqa tagħhom li l-kumpanija tiġi xjolta u jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu **Alex Falzon** jgħid li hu flimkien ma ħutu, ir-rikorrenti l-oħra u l-intimata Marisa Lincoln, kienu detenturi ta' mitejn (200) sehem ordinarju kull wieħed fis-soċjetà intimata Select Properties Limited.

Jispjega li ħuh Martin Falzon ġie nieqes fil-25 ta' April 2015 u tramite t-testment tiegħu li sar fit-22 ta' Diċembru tas-sena 2010, hu ħalla lil ħutu werrieta universali f'ishma indaqs bejniethom u għalhekk l-ishma li kellu fil-kumpanija intimata għaddew fuq l-aħwa rimanenti, iżda oħthom l-intimata Marisa Lincoln m'aċċettatx l-ishma li kienu jappartjenu lilha mill-wirt u għalhekk l-erbgħin (40) sehem spettanti lilha għadhom isejħu lid-defunt Martin Falzon.

Jgħid li l-għan tal-kumpanija intimata kien li tiġġestixxi n-negozju tal-familja li kien jikkonsisti f'kirjiet u ċnus relatati ma' immobbli li kienu tal-familja stess. Jispjega li l-kumpanija intimata llum m'għadhiex tiġġestixxi n-negozju tagħha u waqfet minn dan fil-15 ta' Frar 2020 meta biegħet il-proprjetajiet kollha lil terzi. Jgħid li l-unika ass li fadlilha l-kumpanija llum huma depożiti l-bank li jirrappreżentaw id-*dividends* li jappartjenu lil dawk l-erbgħin (40) sehem li jsejħu lil Martin Falzon u ċjoè s-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u għoxrin Ewro (€46,520).

Jispjega li l-kumpanija intimata la għandha dejn u lanqas hija kreditriċi u jeżisti biss kont bankarju li fih hemm is-somma ta' sitta u erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€46,794.33).

Isostni li t-tlett diretturi tal-kumpanija jixtiequ jirriżenjaw iżda ma jistgħux jagħmlu dan stante li l-*Memorandum and Articles of Association* tal-Kumpanija jitolbu li jkun hemm minimu ta' żewġ diretturi u ħadd minn l-erba' azzjonisti ma jrid ikun direttur. Jikkontendi li hemm qbil li l-kumpanija tiġi xjolta iżda m'hemmx qbil unanimu dwar x'għandu jsir dwar l-erbgħin (40) sehem li kienu jappartjenu lil Martin Falzon. Jgħid li hu għalhekk li kellhom jirrikorru għal xoljiment bil-Qorti.

In sostenn tal-affidavit tiegħu, kif ukoll ta' dak li ngħad fir-rikors promotur, ġew ippreżentati numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In kontro-eżami jgħid li l-kumpanija intimata llum m'għandhiex proprjetà u ma għandha l-ebda skop li tiffunzjona. Jikkonferma li kull ma fadal bħala assi huma l-flus li jappartjenu lill-erbgħin (40) sehem tad-defunt Martin Falzon.

Mistoqsi r-raġuni għala saru dawn il-proċeduri jgħid li saru stante l-fatt li biex isir xoljiment voluntarju jrid ikollok il-vot unanimu tal-azzjonisti li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex possibli.

Fl-affidavit tiegħu **Michael F Falzon** jikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' ħuh Alexander Falzon.

Fix-xhieda tiegħu, l-**Awditur Joseph Azzopardi** jgħid li l-kumpanija intimata hija klijenta tiegħu u għamel xogħol ta' awditur fiha fis-snin bejn l-2018 u l-2021. Jispjega li l-kumpanija ġiet reġistrata fis-sittinijiet u kellha fil-pussess tagħha numru ta' proprjetajiet li kienu jiġu amministrati minnha. Jgħid li n-negozju kien jikkonsisti fil-kiri tal-imsemmija proprjetajiet lil terzi.

Mistoqsi min kienu l-azzjonisti tal-kumpanija, jgħid li kienu l-aħwa Falzon kollha u ċjoè r-rikorrenti, il-mejjet Martin Falzon u l-intimata Marisa Lincoln. Jispjega li l-ishma kienu maqsumin b'mod ugwali bejniethom u kellhom mitejn (200) sehem kull wieħed. Jgħid li meta miet Martin l-ishma tiegħu nqasmu bejn l-aħwa rimanenti f'ishma ugwali bejniethom iżda l-intimata Marisa Lincoln m'aċċettathomx u għadhom jidhru bħala li jappartjenu lil Martin Falzon.

Mistoqsi dwar jekk il-kumpanija tagħmilx profitt, jgħid li l-proprjetajiet inbiegħu kollha u l-fondi tqassmu u llum l-kumpanija ma toperax u m'għandhiex assi u ma fadal l-ebda proprjetà fuq isimha stante li l-aħħar proprjetà nbiegħet fis-sena 2020. Jikkonferma li minn dakinhar li nbiegħet l-aħħar proprjetà, il-kumpanija ma nnegozjatx aktar.

Mistoqsi jekk fil-preżent il-kumpanija għandhiex assi oħra jgħid li dak li baqa' huma ammont ta' flus il-bank li jirrappreżenta id-dividenti li jappartjenu għal dawk l-erbgħin (40) sehem li baqgħu pendenti minħabba li l-intimata Marisa Lincoln m'aċċettatx l-ishma ta' Martin Falzon, liema ċifra tammonta għas-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u għoxrin Ewro (€46,520).

Ix-xhud ippreżenta l-kontijiet annwali tal-kumpanija li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Jikkonferma li fl-2021 l-kumpanija m'għamlet l-ebda qligħ, mentri fl-2020 apparti l-qliegħ mill-bejgħ kienet irċeviet somma flus minn eżitu ta' kawża li nqatgħet f'dak iż-żmien. Jikkonferma li s-sehem li jappartjeni lill-erbgħin (40) sehem fuq imsemmija ġew depożitati fil-kont bankarju msemmi.

Mistoqsi min huma d-diretturi tal-kumpanija jgħid li huma Alex Falzon, George Falzon u Michael Falzon.

In kontroeżami jikkonferma li llum ma fadal xejn x'jitħallas bħala *dividends* lill-azzjonisti.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

### L-Art. 218(1)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

Din id-dispożizzjoni tipprovdi illi kemm azzjonist u kemm kreditur jista' jressaq talba għall-istralċ ta' kumpanija *ai termini* tal-Artiklu 214(2)(a) u (b) :

> *218. (1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*
>
> *(a) stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, **kreditur jew kredituri**, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

***Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija***

Il-Qorti fliet ir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu flimkien ma' dak li jirriżulta mill-proċess. Ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kumpanija intimata Select Properties Limited.

Għalhekk il-Qorti tqis ir-rekwiżiti tal-Artikolu 218(1) sodisfatti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq **l-Art. 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jgħid essenzjalment illi kumpanija għandha tkun xjolta bil-qorti fil-każ illi l-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.

Testwalment igħid hekk l-**Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386**:

*Kumpannija **għandha** tkun xjolta bil-Qorti meta il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.*

Bil-kliem "*il-qorti tkun tal-fehma*", il-leġislatur ċertament li ried illi titħalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma tagħha jirriżultawx fatti u ċirkostanzi "*gravi bizzejjed*" biex tasal biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ.

Anzi, irid jingħad illi peress illi l-leġlislatur kien ċar fi kliemu fis-sens illi "*kumpannija ghandha*", allura, jekk il-Qorti tistabilixxi l-gravità, allura minn

hemm 'il quddiem il-Qorti ma għandiex għażla jew diskrezzjoni u tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpanija.

Issa jrid jingħad illi d-diskrezzjoni tal-Qorti tkompli tieħu xejra dejjem aktar wiesa' meta wieħed iqis illi l-leġislatur ma pprovdiex u ma jagħtix tifsira ta' "*raġunijiet gravi biżżejjed*".

Kif ġja kellha opportunitajiet oħra tgħid din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, il-Qorti ma għandha tiskarta xejn, u allura huwa ġustifikat jingħad illi sabiex tistabilixxi jekk fatti jew ċirkostanzi humiex gravi biżżejjed, m'għandiex toqgħod fuq ġrajjiet li jkunu seħħew sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur, iżda għandha tagħti piż ukoll lil kull ma jiġri anke wara, sa ma tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

F'*section* 122 tal-**Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra**, tirriżulta lista ta' ċirkostanzi li jwasslu għax-xoljiment u għall-istralċ ta' kumpanija.

Tajjeb jingħad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx dispożizzjoni bħall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-waħda li tqarreb l-aktar lejha hija Sec. 122(1)(g) li tgħid illi:

> *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t'għajn li d-dispożizzjoni fil-liġi tagħna hija aktar stretta fis-sens illi fil-każ tagħna l-qorti għandha xxolji u tistralċja meta fil-fehma tagħha jkunu jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed, mentri fil-liġi Ingliża, il-kriterju li fuqu l-qorti trid tibni l-fehma tagħha huwa dak tal-ġustizzja u l-ekwità.

L-istrettezza tad-dispożizzjoni fil-liġi tagħna tagħmel ħafna sens anke għaliex jekk il-qorti tesprimi l-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija.

Il-Qorti tgħid li r-riferenza għal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili għaliex il-linja li ħadu l-qrati Ingliżi biex jgħidu x'għandhom ifissru *just*

*and equitable* għall-fini ta' *winding up* ta' kumpanija jgħin sabiex jiftaħ tieqa għall-qrati tagħna fl-interpretazzjoni tagħhom x'jistgħu jkunu raġunijiet gravi biżżejjed. Għax kull każ għandu l-istorja tiegħu, il-qorti trid tibni l-fehma tagħha fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Fil-kuntest tad-dispożizzjoni ċara min-naħa tal-azzjonisti nnifishom, li hija kkonfermata wkoll mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda li l-kumpanija ressqet, jirriżulta illi l-kumpanija ilha ma topera għal numru ta' snin u jirriżulta wkoll illi l-għan li nħolqot għalih illum ġie fix-xejn. B'hekk il-Qorti ssib ġustifikazzjoni ta' xoljiment abbażi tal-fatt li l-kumpanija ċertament li mhux qed topera.

Dan huwa fatt gravi biżżejjed li jwassal għax-xoljiment. Jgħid hekk **Andrew Muscat** dwar *disappearance of the substratum* fil-paġ 1395 ta' "***Principles of Maltese Company Law***"[1]:-

> *"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared …"*

Meta kumpanija ma tagħmilx negozju tkun entità bla ruħ għaliex ma tkunx qegħda taqdi l-għanijiet tagħha. Milli aċċertat, il-kumpanija baqgħet teżisti biss minħabba depożitu bankarju li l-flejjes fih jappartjenu għall-ishma ta' persuna llum mejta, l-ishma ta' min ma ttiħdux minn min kellu jedd għalihom.

**Tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna x-xolijiment u l-konsegwenti l-istralċ tal-kumpanija intimata Select Propeties Limited.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi

[1] (MUP – Second Edition – Volume Three - 2019)

biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tilqa' l-ewwel t-talba u tiddikjara** illi *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement tordna x-xoljiment tal-kumpanija **Select Properties Limited (C1348)**.

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna** l-istralċ tas-soċjetà intimata **Select Properties Limited (C-1348)** u dan b'effett mil-1 ta' Frar 2022 *ai termini* tal-Artikolu 223(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3. Tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà Select Properties Limited (C-1348) lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386;

b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun;

c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija Select Properties Limited (C-1348) jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*;

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha.

4. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**